MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2009

Numru 797/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**

**vs**

**Yana Marinova Nikolova**
**Elena Stoycheva**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Yana Marinova Nikolova ta’ 20 sena, bint Marin Nikolov u Lalka nee’ (mhux maghrufa), imwielda l-Bulgarija fil-21 ta’ Gunju, 1987, indirizz mhux maghruf, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ Bulgara bin-numru 140284694 ; u lill-Elena Stoycheva, ta’ 29 sena, bint Kiril u Evgenia nee’ Georgiva Kirilova, imwielda l-Bulgarija fit-8 ta’ Settembru 1979, indirizz mhux maghruf, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ Bulgara bin-numru 140218095 gew imressqa quddiemha akkuzati talli :

Fl-10 ta’ Awwissu 2009 ghal habta tal-10 :00 a.m., fil-moti fuq il-foss ta’ San Gakbu, l-Furjana kif ukoll granet qabel f’hinijiet differenti, ikkommettew serq ta’ basktijiet (handbags u/jew portmonijiet) kif ukoll oggetti personali ohra minn diversi hwienet gewwa Triq ir-Repubblika, Valletta, liema serq huwa aggravat bl-ammont.

Illi Yana Marinova Nikolova waheda, li hija recidiva b’sentenza defenittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn fit-22 ta’ Awwissu, 2007 kienet instabet hatja mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman LL.D. b’serq u kkundannata ghal sitt xhur prigunerija sospiza ghal sena.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Awwissu, 2009 (esebit a folio 12 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-11 ta’ Awwissu, 2009 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tal-11 ta’ Awwissu, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputata Yana Marinova Nikolova l-Qorti kkunsidrat li fit-22 ta’ Awissu 2007 hija kienet diga’ instabet hatja bir-reat ta’ serq u kkundannata piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur sopizi ghal perijodu ta’ sena izda hija m’gharfitx tuzufruwixxi minn din l-opportunita’ sabiex tirriforma ruhha izda regghat irritornat lura f’dawn il-Gzejjer sabiex terga tikkommetti l-istess reat li tieghu kienet diga’ giet misjuba hatja u ghalhekk il-Qorti sejra timponi piena karcerarja effettiva. Ghalkemm l-imputata l-ohra ghandha fedina penali netta l-Qorti jidhrilha li anki fil-kaz taghha ghandha tigi imposta piena karcerarja effettiva u dan bhala deterrent ghal min jidhirlu li ghandu jigi hawn Malta bl-intenzjoni specifika li jikkommetti serq fit-toroq (pick pocketing) u fil-hwienet (shoplifting).

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 49, 50, 31, 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata Yana Marinova Nikolova hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha seba’ (7) xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata Elena Stoycheva hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha seba’ (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------